MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 211/1991

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emanuel Pace (ID 99585(M))**

**Paul Sammut (ID 554358(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Emanuel Pace, detentur tal-karta tal-identita` numru 99585(M) u Paul Sammut, detentur tal-karta tal-identita` numru 554358(M);

Akkuzati talli:

(1) Fil-Marsa bejn l-1 ta' Awwissu 1989 u l-4 ta' Awwissu 1989, ikkommettew serq ta' toys li l-valur taghhom jiskorri l-elf Lira Maltin (Lm1,000) minn garaxx Nru. 6, Middlemen Street, Marsa ghad-dannu tas-socjeta` Tradeways Limited, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bl-ammont;

(2) F'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw l-imsemmija toys, li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

U Emanuel Pace talli huwa recidiv billi kien gie ikkundannat ta' reat b'sentenza li ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz illi waqt l-ezami taghhom ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati wiegbu li m'humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom[1], kif ukoll in-Nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Gunju 1992[2], fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi:

Fil-konfront tal-imputat Paul Sammut, fl-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(1)(2), 279(b), 334 u 533 tal-Kodici Kriminali;

[1] A fol. 15 u 17 tal-process.
[2] A fol. 180 tal-process.

Fil-konfront tal-imputat Emanuel Pace, fl-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(1)(2), 279(b), 334, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi waqt is-seduti tat-13 ta' Lulju 1992[3] u tal-20 ta' Lulju 1992[4] rispettivament, l-imputati Paul Sammut u Emanuel Pace iddikjaraw illi m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2013, il-partijiet ezentaw lil-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Novembru 2013;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi qabel xejn irid jinghad illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti, kif preseduta, nhar l-1 ta' Frar 2013.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija</u>**

---

[3] A fol. 179 tal-process.
[4] A fol. 181 tal-process.

Illi l-Ufficjal Prosekutur **l-Ispettur Emanuel Cassar**[5] xehed illi fl-4 ta' Marzu 1990, certu Robert Abela (direttur tal-kumpanija Tradeways Limited) irrapporta illi waqt li huwa kien qieghed is-suq ta' Marsaxlokk, dakinhar stess, huwa kien ra xi gugarelli ghall-bejgh, liema gugarelli kienu allegatament tal-kumpanija tieghu. L-istess Abela qal lill-Ufficjal Investigatur illi dawn il-gugarelli kien jimpurtahom f'Malta huwa biss u li kienu ghadhom ma tqeghdux fuq is-suq lokali. Il-Pulizija ghalhekk gabret lill-persuna li kienet qeghda tbiegh dawn il-gugarelli gewwa Marsaxlokk, li da parti tieghu informa lill-Ispettur Cassar illi huwa kien xtrahom minghand certu John Mamo minn Hal Qormi.

L-istess Mamo rrilaxxja stqarrija fejn spjega l-mod li kienu gew f'idejh dawn il-gugarelli, il-prezz originarjament miftiehem u kif sussegwentement sar ftehim fuq prezz iehor, kif hallas u lil min hallas. Mamo qatt ma semma' b'isimhom, lill-persuni l-ohrajn li skond hu, kienu nvoluti f'dan il-kaz, izda kien irrefera ghalihom bil-laqam taghhom ossia il-Panther u l-Mustang, apparti li kien irrefera ghall-persuna li offrietlu dawn il-gugarelli, bhala Pawlu li jahdem gewwa l-poliklinika ta' Bormla.

L-imputat **Paul Sammut** irrilaxxja stqarrija fis-6 ta' Marzu 1990[6] wara li nghata s-solita twissija ossia illi kellu d-dritt illi ma jwiegeb ghall-ebda domanda, izda dak kollu li jghid seta' jingieb bhala prova, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Sammut jghid illi sa Novembru 1989, huwa kien jahdem bhala *health assistant* fil-Poliklinika ta' Bormla u li kien ilu jahdem hemm ghal hames snin. Jghid illi ghandu karozza tal-marka Marina ta' kulur ahmar, li kienet ilha ghandu tlett snin u nofs. Mistoqsi jekk kienx jaf lit-Tobi, jghid li jafu, li dan ghandu hanut tax-xorb hdejn il-pompa tal-*petrol* li hemm fin-nizla ta' Ghajn Dwieli, li gieli dahal ghandu biex jixtri s-sigaretti, izda qatt ma xorob hemm. Mistoqsi jekk jafx lil wiehed jghidulu l-Panther, qal illi ma jafux u mistoqsi jekk kienx jaf lil xi hadd mill-Fgura li ghandu Anglia hamra u Jeep sewda, jghid illi ma jaf lil hadd li ghandu dawn il-karozzi. Lil Mustang ma jafux lanqas. L-imputat Sammut jghid ukoll illi bejn Settembru jew Ottubru

---

[5] A fol. 18 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 27 u 28 tal-process.

1989, huwa kien *salesman* ma' Paul Portelli ta' Rapo Agency tal-Belt u kien jiehu l-kampjuni tal-gugarelli u jmur bihom fil-hwienet sabiex jiehu l-ordnijiet fuq dawn il-kampjuni. Madankollu, dam xahar biss f'dan ix-xoghol. Jghid illi qatt ma kellu gugarelli bhal dawk li gie muri mill-Ispettur fl-ufficju tieghu. Fir-rigward ta' Mamo, l-imputat jghid li huwa ma kienx jafu u li qatt ma kien rah u meta gie suggerit lilu illi Mamo kien qed jghid illi huwa xtara kwantita` ta' gugarelli minghandu, huwa jghid illi ma kien jaf xejn dwarhom. Huwa innega li qatt bieghlu xi gugarelli jew li qatt kien dahhlu fid-dar tieghu (biex jurih kampjuni tal-gugarelli). Ma kienx jaf kif Mamo kien jaf fejn joqghod u kif kien jaf li kif tidhol ghandu ssib salott u cahad li l-ftehim mieghu dwar il-gugarelli sar ghand it-Tobi u li ghall-ewwel kien talab lil Mamo Lm2,500. Cahad ukoll dak suggerit lilu illi meta Mamo mar ifittxu gewwa l-poliklinika ta' Bormla, huwa kien ftiehem mieghu li jiltaqghu hdejn il-Maxims ta' Rahal Gdid biex Mamo jiehu l-vann bil-gugarelli u wara jmur ihallsu. Cahad ukoll illi Mamo kien mar d-dar tieghu flimkien mal-Panther u li wara marru flimkien ifittxu lil Mustang il-Fgura u li kien mar fil-garaxx ta' Mamo gewwa Hal Qormi u qallu biex ihallas lil Mustang u lil Panther ghaliex kienu jaslu. L-imputat jghid li kien isuq vann Transit si seba' snin qabel meta kien jahdem ma' kumpanija Dolphin Tours u li xtara television tal-kulur xi tlett snin qabel. Jghid illi dan it-television kien qieghed fis-salott, izda meta l-mara ma tkunx tiflah, idahhlu fil-kamra tas-sodda. Mistoqsi kif Mamo kien jaf li kellu television tal-kulur fis-salott, meta skond hu, Mamo qatt ma dahal ghandu, l-imputat wiegeb li ma jafx.

L-istess imputat irrilaxxja stqarrija ohra nhar is-7 ta' Marzu 1990, liema stqarrija wkoll ma ffirmahiex.[7] Huwa kkonferma l-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu. Huwa jghid illi qatt ma kellu xi jghid mat-Tobi u nnega li huwa kien offra xi gugarelli ghall-bejgh lit-Tobi. Innega wkoll illi kien wera l-gugarelli lit-Tobi fil-karozza tieghu u jghid illi kien izomm kampjuni ta' gugarelli gewwa d-dar tieghu ghall-agenzija li semma fl-ewwel stqarrija, izda qatt ma kellu gugarelli bhal dawk murija lilu fil-pussess tieghu. Rega' qal li lil Mustang u lil Panther ma kienx jafhom.

[7] A fol. 29 tal-process.

L-imputat **Emanuel Pace** irrilaxxja stqarrija fis-7 ta' Marzu 1990, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex.[8] Muri ritratt ta' John Mamo u mistoqsi kienx jafu, l-imputat ma wegibx u mistoqsi kienx jaf lil certu Pawlu Sammut mill-Fgura li kien jahdem fil-poliklinika ta' Bormla, huwa qal li ma jafux. Ghall-bqija tad-domandi li sarulu, l-imputat ghazel li ma jwegibx, kif kellu kull dritt li jaghmel skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, minghajr konsegwenzi ta' xejn. Skond l-Ispettur Emanuel Cassar[9], wara li giet rilaxxjata din l-istqarrija, saret tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat Pace, minn fejn gew elevati s-segwenti gugarelli ossia *squeeze horn* tal-marka Barbie (Dok. EC4), pupa bl-isem Katie (Dok. EC5), flixkun tal-*plastic* zghir b'ziemel fih (Dok. EC6) u zewg pupi bl-isem *Sweetey Teeney*, wahda minnhom fil-kaxxa originali taghha (Dok. EC7).[10] Skond l-istess Spettur, dawn il-gugarelli bl-eccezzjoni tal-pupa Katie (Dok. EC5) kienu tal-istess tip li skond Abela, kienu nsterqu mill-mahzen tieghu. Wara din it-tfittxija, l-imputat Pace rega' gie interrogat ghat-tieni darba. Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fl-istess jum ossia fis-7 ta' Marzu 1990[11], u b'referenza ghal dawn il-gugarelli li gew elevati mir-residenza tieghu, liema gugarelli kienu bhal dawk li gie muri izjed kmieni fl-ufficju tal-Ufficjal Investigatur, l-imputat wiegeb illi ma kellu xejn xi jghid dwar dawn u illi l-mara tieghu qaltlu li xtrathom minn hanut gewwa l-Hamrun xi sena qabel. Mistoqsi ghalhekk ghaliex meta kien gie muri l-gugarelli fl-ufficju, kien qal li qatt ma kien ra bhalhom qabel, huwa qal illi huwa ma kienx jaf x'kienet tixtri l-mara tieghu. Qal illi ma jidhirlux li kellu izjed minn dawn il-gugarelli.

Skond l-istess Spettur Cassar, sussegwentement kienu ttiehdu proceduri kontra John Mamo, liema proceduri kienu gew decizi fid-9 ta' Novembru 1990. L-atti tal-kumpilazzjoni fir-rigward tal-istess Mamo u l-oggetti kollha esebiti f'dik il-kawza, gew esebiti fil-kawza odjerna[12].

---

[8] A fol. 30 u 31 tal-process.
[9] A fol. 24 tal-process.
[10] Fix-xhieda tieghu, ex PS 81 Carmel Gauci qal illi kienu huwa flimkien max-xufier tal-pulizija li ghamlu tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat 26, St. Anna Street, Tarxien u li gewwa kaxxa tal-kartun li kienet mimlija gugarelli, hafna minnhom uzati, sab xi gugarelli bhal dawk li kienu gew indikati lilu precedentement mill-Ispettur Cassar. L-imputat Pace qallu li kien xtrahom ghat-tifla minn xi hanut gewwa l-Hamrun. Prezenti ghal din it-tfittxija kien hemm ukoll mart l-imputat. Dawn il-gugarelli gew elevati mill-istess PS 81 Carmel Gauci (a fol. 39 *et seq* tal-process).
[11] A fol. 31 tal-process.
[12] A fol. 75 tal-process.

**L-Ispettur Domnic Attard**[13] xehed dwar l-investigazzjoni li huwa kien ghamel flimkien mal-Ispettur Emanuel Cassar u spjega dak li kien wassal sabiex jittiehdu proceduri fil-konfront ta' Mamo u l-imputati odjerni, wara li kienu nstabu xi gugarelli li x'aktarx kienu gew misruqa minn mahzen gewwa l-Marsa.

**Robert Abela**[14] xehed illi bhala direttur tal-kumpanija Tradeways Ltd., huwa kien ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Marsa dwar serqa li kienet saret fil-garaxx tieghu bin-numru 6, Triq Middleman, Marsa, liema garaxx huwa juzah bhala *store*. Dan ir-rapport kien sar minnu ghall-habta ta' Awwissu 1989. Bhala konsegwenza ta' din is-serqa, kienu naqsulu gugarelli mill-istess *store*. Huwa pprezenta lista ta' gugarelli li kienu naqsu wara din is-serqa.[15] Meta x-xhud gie muri d-Dokumenti EC4, EC5, EC6 u EC7, ossia l-gugarelli li nstabu fir-residenza tal-imputat Pace fis-7 ta' Marzu 1990, huwa wiegeb illi dawn il-gugarelli kollha kienu jappartjenu lilu, hlief ghall-pupa bl-isem 'Katie' (Dok. EC5). Huwa qal illi dawn il-gugarelli jigu mportati mill-kumpanija tieghu u li dak iz-zmien, l-gugarelli Dok. EC4, EC6 u EC7 kienu ghadhom kif gew impurtati ossia kienu ghadhom kif waslu f'Malta. Dawk li kienu tad-ditta Mattel, li hija rapprezentata f'Malta esklussivament mill-kumpanija tieghu, ma kienux inbieghu fuq is-suq Malti. B'referenza madankollu ghall-gugarelli li ma kinux tad-ditta Mattel, huwa qal illi jista' jkun il-kaz li dawn jinstabu f'Malta. B'referenza ghall-*squeeze horn* ossia Dok. EC4, ix-xhud specifika illi dan kien tad-ditta Mattel, fil-waqt illi r-rimanenti Dok. EC5, EC6 u EC7 ma kinux ta' din id-ditta. Huwa xehed illi f'jum partikolari fis-sena 1990, probabbilment fil-jum tal-Hadd, huwa kien mar fis-suq ta' Marsaxlokk u kien sab illi hemmhekk kienu qed jinbieghu oggetti ta' Mattel, inkluz *squeeze horn* simili ghal Dok. EC4 li, skond hu, kienu nsterqu lilu. Ghalhekk huwa kien ghamel rapport dwar dan. Qal ukoll illi qatt ma kien hemm kazijiet fejn f'Malta gew importati prodotti tad-ditta Mattel minn kumpaniji ohrajn ghajr ghall-kumpanija Tradeways. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi f'dak il-perjodu, il-kumpanija kellha diversi serqiet, izda mhux dwar il-prodotti li kien qed jigi muri. Fir-rigward tal-oggetti

[13] A fol. 34 *et seq* tal-process.
[14] A fol. 42 *et seq* tal-process.
[15] A fol. 47 tal-process.

Dok. EC4, EC6 u EC7, din kienet l-ewwel serqa li kienet saret. Qal ukoll illi fl-Italja kollha, kien hemm postijiet fejn kienu jinbieghu l-prodotti ta’ Mattel. Xi whud mill-oggetti li nsterqu kienu ghadhom kif waslu xi jumejn qabel is-serqa u kienu ghadhom lanqas inhargu fuq is-suq.

In kontro-ezami, fis-seduta tas-16 ta’ Frar 1994, l-istess Robert Abela qal illi huwa jista’ jghid li sa fejn jaf hu, dawn il-gugarelli ma kinux jigu mpurtati minn haddiehor. Dwar il-*horn* ta’ Barbie, huwa qal illi dan jigi maghmul gewwa Hong Kong u jasal f’Malta direttament minn hemm. Ma setax jghid jekk kienx hemm xi ditta Taljana li timporta fl-Italja u jekk xi hadd jistax imur ghandha u jimporta direttament dan it-tip ta’ gugarell. Mill-mahzen partikolari fejn kien hemm dawn il-gugarelli, saret serqa wahda biss u l-prodotti ma kinux ghadhom hargu fuq is-suq. Qal ukoll illi l-oggetti bhal dawk in ezami kienu gew importati f’Malta darba biss u wara s-serqa ma kinux ingiebu izjed prodotti bhal dawn.

Fis-seduta tas-7 ta’ Awwissu 1991, xehed **John Mamo**[16]. Mill-verbal tal-istess data ta’ din il-Qorti, kif diversament preseduta, jirrizulta illi waqt din ix-xhieda, il-Qorti wissiet lix-xhud illi jekk ikompli jhawwad fix-xhieda tieghu, il-Qorti kienet ser tordna l-arrest tieghu. Huwa gie ddikjarat xhud ostili mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant gie kkonfrontat bl-istqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija fis-6 ta’ April 1990.[17] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 14 tal-atti tal-proceduri li ttiehdu fil-konfront tal-istess John Mamo.

Fix-xhieda tieghu, John Mamo ikkonferma illi diga` kienu ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu, liema proceduri kienu gew konkluzi. Huwa xehed illi sitt xhur qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu (din l-istqarrija ittiehdet fis-6 ta’ Marzu 1990 – u allura x-xhud kien qed jirreferi ghal madwar Settembru 1989), huwa kien qieghed f’bar gewwa Bormla, liema bar jinsab fin-nizla tad-Dockyard, gewwa Ghajn Dwieli u huwa ta’ persuna mlaqqma t-Tobby. Waqt li kien f’dan il-hanut, mar wiehed fuqu u talbu jekk riedx jixtri xi gugarelli

[16] A fol. 92 tal-process.
[17] A fol. 87 tal-process.

minghandu. Dan jismu Pawlu. Qal li qabel xtara dawn il-gugarelli, kien ser jixtrihom it-Tobby ossia Carmelo Debono, minghand Pawlu. Ix-xhud qal illi "*ma nafx jekk naghrafx lil dan Pawlu li semmejt*"[18]. Qal li kellem lil Pawlu hdejn il-klinika, izda wara qal li kellmu fil-bar. Wara li tkellmu, marru fid-dar ta' Pawlu. Ma ftakarx jekk Pawlu kienx urieh il-gugarelli fil-bar jew fil-karozza tieghu. Qabel ma kellmu fil-bar, huwa ma kienx jafu lil Pawlu. Eventwalment spicca xtara dawn il-gugarelli minghandu. Ghall-ewwel Pawlu kien talbu Lm2,500, wara l-prezz nizel ghal Lm1,800, izda finalment ftehmu fuq Lm800. Sabiex jigu kkonsenjati lilu dawn il-gugarelli, huma ftehmu li jiltaqghu hdejn il-Maxims, Rahal Gdid, hemmhekk kellu jsib vann bil-gugarelli, huwa kellu jiehu dan il-vann u mbaghad ihallas lil Pawlu wara. Meta mar fuq il-post, fil-fatt, sab dan il-vann miftuh bic-cavetta fih, hdejh ma kien hemm hadd, ha l-gugarelli fil-garaxx u wara rega' tella' l-vann fejn kien sabu. Qal illi huwa mar ihallas lil Pawlu fid-dar tieghu u tah xi Lm600 ghax kien ikkalkula illi ma kienx hemm b'Lm800 gugarelli. Dwar id-dar ta' Pawlu, qal illi din kienet tinsab fin-naha ta' isfel tal-Fgura, izda ma kienx jaf x'jisimha, x'kien in-numru taghha jew l-isem tad-dar. Kien jaf fejn hija din id-dar bil-bieb u mhux bl-indirizz.

Meta huwa hallas Lm600 lil Pawlu, dan qallu li kellu jaghtih Lm200 ohra u dak il-hin semmielu wkoll li kien hemm xi hadd mieghu bi shab ossia zewg persuni ohra, izda ma qallux min kienu dawn iz-zewg persuni. Pawlu qallu li kellu jmur ghand dawn iz-zewg persuni biex jipprova jirranga maghhom dwar il-prezz. F'dan il-punt ix-xhud spjega illi sa hawnhekk, il-prezz miftiehem kien ta' Lm1,600 u mhux ta' Lm800, izda meta tkellmu, ix-xhud kien qal lil Pawlu li huwa kien lest li jirritorna l-oggetti lura jekk ma jkunx hemm ftehim dwar il-prezz. Qal illi jekk kien jiftakar sew, kienu rrangaw dwar il-prezz ta' Lm800 f'Bormla u sussegwentement dan il-prezz kien gie accettat minn Pawlu. Xi gimgha wara, lil Pawlu kien tah il-bilanc ta' Lm200 fil-garaxx tieghu (tax-xhud) stess. F'dan l-istadju, ix-xhud qal illi ma kienx cert jekk il-Lm200 kienx hallashom lil Pawlu jew lil xi persuna ohra. Meta hallas il-prezz ta' Lm600 lil Pawlu kien wahdu, izda jidhirlu li meta hallsu Lm200 kien hemm it-Tobby mieghu u jista' jkun li kien hemm Ganni prezenti – dan Ganni kien joqghod Bormla, vicin il-hanut tat-Tobby. Mistoqsi jekk kienx qed jaghraf lil dan Pawlu

[18] A fol. 93 tal-process.

fl-awla, huwa indika lill-imputat Sammut u qal illi *"m'hinix cert jekk hux dan Pawlu li semmejt fix-xhieda tieghi"*.[19] Meta gie muri l-gugarelli esebiti fl-atti, huwa qal illi l-gugarelli nvoluti fit-transazzjoni li semma, kienu bhal dawn il-gugarelli. Minn dawn il-gugarelli, huwa kien biegh lil diversi persuni f'Hal Qormi, fosthom lil Rosina, nies fuq il-Monti u f'San Bastjan.

Qal illi dak iz-zmien, Pawlu qallu li kien jahdem fil-Poliklinika ta' Bormla u wara qal illi, biex ikun aktar preciz, kien jarah niezel minn hdejn il-Poliklinika. Qal ukoll illi lil Mustang u lil Panther ma kienx jafhom.

Mamo xehed ukoll illi meta huwa kien ghand Pawlu u hallsu l-ammont ta' Lm600, dan kien semmielu lil zewg persuni bil-laqam. Qal illi kien jidhirlu li kien mar mieghu f'karozza, izda ma kienx jiftakar ta' min kienet. Hu kien baqa' fil-karozza u jekk jiftakar sew ra lil Pawlu diehel f'garaxx. F'dan il-punt, inqrat lilu parti mill-istqarrija rilaxxjata minnu – "*Waqt li kont sejjer lejn il-Hamrun biex inwassal lil dak li kien gie jfittixni hdejn il-gabbana, hu qalli "Jekk ma ttihomilnix il-Lm200 l-ohra tispicca hazin maghna ghax il-Mustang wiehed milli jasal*". *Meta dan semma l-Mustang, hu kien qed jirreferi ghal dak li morna nfittxuh il-Fgura*".[20] Ix-xhud ikkonferma din il-parti tal-istqarrija u qal illi jikkonferma ghalhekk li dakinhar huwa kien ra lil Mustang ukoll. Qal li lil Mustang kien rah il-Fgura u kkonferma wkoll, kif hemm fl-istqarrija tieghu, illi xi gimgha wara huwa kien qieghed fil-garaxx tieghu u mar il-Mustang, flimkien ma' dak li kien mar ifittxu hdejn il-gabbana u talbuh il-Lm200, izda huwa kien qalilhom li mhux maghhom kien ghamel it-transazzjoni in kwistjoni. Ix-xhud ikkonferma wkoll dak li kien qal fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi dakinhar kien hallas il-Lm200 lil Mustang u lil Panther u li kien hemm wiehed jismu Ganni. Din kienet l-ahhar darba li huwa kien tkellem mall-Mustang u mall-Panther. Qal ukoll illi kien minnu dak li kien qal fl-istqarrija tieghu illi meta mar hdejn il-vann sabiex jigbor il-gugarelli, kien hemm zewg persuni fil-vicin u li jidhirlu li kienu dawn l-istess zewg persuni li kienu marru ghandu sabiex jigbru l-Lm200. Ix-xhud qal illi huwa ma kienx qed jaghraf lil Mustang u lil Panther fl-awla u li

[19] A fol. 96 tal-process.
[20] L-istqarrija tax-xhud Mamo – a fol. 16 tal-process esebit a fol. 75.

ma kienx qed jaghraf liz-zewg persuni li kien hallas lilhom il-Lm200 u li kien ra vicin il-vann.

In kontro-ezami, Mamo qal illi ma jafx li dan Pawlu qatt qallu li kien jahdem il-poliklinika. Qal ukoll illi "*m'hiniex cert li l-imputat Paul Sammut hux dak Pawlu li indikajt fix-xhieda tieghi*".[21] Huwa kkonferma lil kien jara lil Pawlu b'karozza Marina ta' kulur orangjo. Qal li meta mar ghand Pawlu, huwa mar il-Fgura, int u niezel lejn Bormla. Jidhirlu li kien qallu t-Tobby fejn kien joqghod Pawlu. Huwa sab ir-residenza ta' Pawlu ghaliex kien mar mieghu t-Tobby u kien it-Tobby li ndikalu r-residenza.

L-istess John Mamo rega' gie riprodott bhala xhud mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-9 ta' Awwissu 1991.[22] Mistoqsi jekk kienx jaf li dan Pawlu ghandu Marina hamra, huwa qal illi ma jiftakarx jekk il-Marina kinitx hamra jew orangjo u kkonferma li Pawlu joqghod il-Fgura. Dwar meta ltaqa' ma' Pawlu fid-dar tieghu, kien it-Tobby li urieh fejn kien joqghod jew inkella dan indikalu fejn isib id-dar ta' Pawlu. L-ewwel darba li kien mar ghand Pawlu, kien huwa stess li fetahlu l-bieb, kif dahal mill-bieb, kien hemm salott – jigifieri kien hemm pultruna u sufan - u huma tkellmu f'din il-kamra. Ma jafx kienx hemm *television*, izda jidhirlu li kien hemm purtiera. Il-kampjuni tal-gugarelli li wrieh Pawlu kienu f'din il-kamra. Dwar il-prezz jidhirlu li kienu fthemu wara ghand it-Tobby. Wara qal li ma kienx jiftakar fejn kien sar il-ftehim dwar il-prezz finali ossia jekk hux ghand it-Tobby, jew ghand Pawlu jew vicin il-poliklinika. Ghall-ewwel Pawlu kien talbu Lm2500 jew Lm2800 u imbaghad kienu fthemu dwar il-prezz ta' Lm1,600. Dwar il-konsenja tal-gugarelli, ma ftakarx jekk kienx hemm Pawlu vicin il-vann, fejn kellha ssir il-konsenja, izda faccata tal-vann, kien hemm xi nies ghaddejjin. Huwa kkonferma illi l-ghada tal-konsenja, kien mar wiehed fuqu hekk kif kien hdejn il-gabbana ta' huh, Hal-Qormi, u qallu "*Mela ma hallastux*?" Qabel dakinhar, huwa ma kienx ra lil din il-persuna. Wara dan il-kliem, huwa u din il-persuna marru fejn kien joqghod Pawlu, vicin Bormla u hu ftiehem ma' Pawlu rigward il-prezz finali ta' Lm800. Il-persuna l-ohra li

[21] A fol. 99 tal-process.
[22] A fol. 113 *et seq*.

marret mieghu telqet jew marret tkellem lil haddiehor. F'din l-okkazjoni Pawlu kien qallu xi diskors fis-sens illi staqsieh kienx gablu l-flus ghaliex "*dawn riedu joqtluni ghax hasbu li dahhalthom fl-ixkora*". Dakinhar ftehmu fuq il-prezz ta' Lm800 u dak il-hin huwa hallsu Lm600. Qabel dan il-ftehim, marru jfittxu lil haddiehor, li jidhirlu li kien shab, vicin il-*Keyhole*, il-Fgura. Waqt li kien qed isir id-diskors, huwa baqa' fil-karozza li kienet wieqfa fil-*main road* tal-Fgura, izda ma kienx jaf fejn mar Pawlu. Dak il-hin li marru jfittxu lil persuna l-ohra hdejn il-*Keyhole*, kienu hu u zewg persuni ohrajn u jidhirlu li kienu marru bil-karozza tieghu. Rega' kkonferma illi l-persuna l-ohra kienet qaltlu illi jekk ma jaghtihomx il-Lm200 l-ohra kien ser jispicca hazin, ghaliex il-Mustang kien jasal. Ix-xhud qal ukoll illi meta sar il-pagament ta' Lm200, suppost li kien hemm prezenti Ganni Borg li qghad fil-garaxx (ghalkemm wara qal li ma jiftakarx jekk Ganni kienx gewwa l-garaxx jew vicin il-bieb tal-istess garaxx), waqt li huwa kien fil-garaxx barra. Kien hemm distanza daqs nofs l-awla dak il-hin bejn Ganni u x-xhud. Huwa kien qal lil Ganni li kellu jaghti dawn il-Lm200 fuq xi trakk. Ma ftakarx jekk kienx semma' gugarelli ma' Ganni u ma ftakarx ghaliex kien qal lil Ganni biex jitla' mieghu fil-garaxx dakinhar. Lanqas ma ftakar jekk kienx tellghu mieghu biex ikollu xhud. Ghall-ewwel jghid li kienet persuna wahda li marret tfittxu hdejn il-gabbana sabiex ihallas il-Lm200, izda wara jghid li kienu zewg persuni u ma semax diskors bejniethom. Sussegwentement madankollu qal illi jista' jkun li huwa kien qal lill-pulizija dak li indika fl-istqarrija u cioe` illi huwa kien sema' lil Mustang jghid lil iehor "*Imxi maghna Panther*". Hemm sar jaf li dak li kien mar ifittxu l-ewwel darba hdejn il-gabbana ta' huh biex jitolbu l-flus kienu jghidulu l-Panther.

Meta muri l-imputat Paul Sammut fl-awla, ix-xhud qal illi ma jistax jghid li Pawlu li jsemmi fix-xhieda tieghu, kienx l-imputat peress illi meta ra lil Pawlu dan kien aktar miftuh u ohxon. "*Issa nghid li jixbhu*".[23] Fir-rigward taz-zewg persuni l-ohrajn imsemmija fix-xhieda tieghu, huwa rega' qal li mhux qed jaghrafhom fl-awla. Mistoqsi jekk kienx kellmu xi hadd sabiex jixhed kif xehed dakinhar jew fis-seduta precedenti, huwa qal illi ma kien kellmu hadd u li lanqas ma kien qed jibza' minn xi hadd. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi huwa u

[23] A fol. 119 tal-process.

Pawlu kienu ftehmu li jiltaqghu hdejn il-poliklinika, fil-pjazza ta Bormla, li hija frekwentata minn hafna nies.

Fis-seduta tas-7 ta' Awwissu 1991 xehed **John Borg**[24]. Fir-rigward ta' din ix-xhieda, jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-istess jum[25] illi peress illi l-Qorti ma kinitx konvinta mill-veracita` ta' din ix-xhieda u dan allavoja x-xhud kien diga` gie mwissi mill-Qorti stess f'dan ir-rigward, ordnat l-arrest ta' Borg ai termini tal-Artikolu 522(1) tal-Kap. 9. Borg xehed illi lil Mamo kien jafu peress illi kien ikun il-hanut tat-Tobby, f'Bormla u kultant huwa jkun fil-garaxx ta' Mamo. Huwa ftakar li kien hemm okkazzjoni meta Mamo kien qallu sabiex imur id-dar tieghu u huwa mar fil-garaxx imsemmi. Fil-garaxx, huwa kien ra xi gugarelli. Mamo kien semmielu xi flus u qallu li kellu jaghti xi flus, ghalkemm ma qallux lil min kellu jaghtihom. Kien hemm mument fejn Mamo kien qallu sabiex joqghod barra u li hu (Mamo) kien gej. Dak il-hin meta kien barra l-garaxx ma ra lil hadd jidhol, hlief lil Mamo. Ma kienx jaf ghaliex Mamo kien talbu sabiex jitla' mieghu u f'dik l-okkazzjoni huwa ma kienx ra lil Mamo jghaddi l-flus lil persuni ohrajn. Madankollu ftakar li wara, Mamo kien qallu li kien ta xi flus lil xi persuna minhabba xi trakk. Ix-xhud innega li kien sema' lil Mamo jitkellem ma' xi persuna fil-garaxx dwar xi gugarelli u nnega wkoll li kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija.

Fis-seduta tad-9 ta' Awwissu 1991, rega' xehed l-istess John Borg[26] li gie iddikjarat xhud ostili u ghaldaqstant gie kkonfrontat bid-dikjarazzjoni li kien irrilaxxja huwa stess lill-pulizija.[27] Jigi rilevat li din id-dikjarazzjoni ma gietx esebita fl-atti. F'din ix-xhieda tieghu, Borg wara li qal li ma kellux x'izid max-xhieda precedenti tieghu, qal illi meta kien hdejn il-garaxx ta' Mamo, kien ra persuna diehla, izda ma jafx min hi. Dak il-hin huwa kien barra l-garaxx u li kien boghod mill-istess garaxx f'distanza ta' bejn il-pedana tax-xhieda u l-bieb tal-awla. Lil din il-persuna li ra diehla fil-garaxx ta' Mamo ma kienx qed jarafha fl-awla. Qal li ma kienx jiftakar jekk kienx ghamel xi dikjarazzjoni bil-miktub lill-

[24] A fol. 101 tal-process.
[25] A fol. 87 tal-process.
[26] A fol. 109 *et seq* tal-process.
[27] Ara verbal a fol. 108 tal-process.

pulizija ghaliex kien ghadda hafna zmien, izda wara ftakar li l-pulizija kienu baghtu ghalih u li huwa kien tkellem mal-pulizija. Ma kienx jiftakar x'kien qal lill-pulizija, izda gharaf il-firma tieghu fuq l-istess dikjarazzjoni li giet murija lilu. Huwa nnega illi Mamo kien qallu li huwa kellu jmur mieghu fil-garaxx ghaliex fil-jum ta' qabel, Mamo kellu xi jghid ma' xi persuni ohrajn dwar xi Lm200 u mistoqsi ghaliex huwa kien qal dan lill-pulizija meta ghamel id-dikjarazzjoni tieghu, huwa wiegeb li kien nesa li qal dan il-kliem. Qal li ma jiftakarx li kien gie muri xi ritratt ta' persuna li kien gharaf, ghand il-pulizija. Qal li ma kien sema' l-ebda diskors bejn John Mamo u din il-persuna u lanqas ma ftakar li din il-persuna li dahlet fil-garaxx kellux xaghru nnukklat.

L-istess xhud rega' gie riprodott bhala xhud tal-Prosekuzzjoni fl-istess seduta. Qal illi f'din l-okkazzjoni kien ra zewg persuni – wiehed xaghru nnukklat daqsxejn fil-kannella u l-iehor xaghru lixxa sewda. Rega' qal li ma jiftakarx li kien gie muri xi ritratt mill-pulizija. Qal li Mamo kien qallu li kellu jaghti xi Lm200 dwar trakk u cahad li kien sema' xi diskors dwar prezz jew dwar gugarelli bejn Mamo u xi hadd minn dawn iz-zewg persuni. Qal li huwa kien ra lil Mamo gej bil-flus u rah jaghti l-Lm200 lil wiehed b'xaghru goffa. Lil dak ta' xaghru goffa ma rahx jghodd il-flus, izda ftakar li wara li sar il-hlas u dawn it-tnejn telqu mill-garaxx, Mamo kien qallu li kien serrah rasu. Huwa nnega li waqt li kien qed isir dan kollu, huwa kien gewwa l-garaxx ta' Mamo jew vicin l-istess garaxx. Qal li hadd ma kien geghlu jaghmel id-dikjarazzjoni lill-pulizija u li hadd mill-pulizija prezenti ma kien bezzghu. Mistoqsi ghalfejn kien qal xi affarijiet fid-dikjarazzjoni tieghu lill-pulizija li kienu differenti minn dak li kien qed jghid fix-xhieda tieghu, huwa wiegeb "*ma nghid xejn*".[28] Huwa qal li meta dawn iz-zewg persuni dahlu fil-garaxx, huwa hareg u wara li hareg, Mamo ghalaq il-bieb tal-garaxx. Qal illi meta kien id-*Depot*, huwa kien gie muri ritratt mill-pulizija. Qal illi dak il-hin ir-ritratt xebbhu ma' xi hadd, "*pero` bil-gurament nghid li dak il-hin ma xebbahtu ma' hadd*".[29] Wara insistenza tal-Qorti, ix-xhud qal illi kien xebbah lill-persuna fir-ritratt ma' xi hadd, ossia ma' dak li kellu xaghru goff. Allavolja l-Qorti wissiet lix-xhud illi setghet terga' tqeghdu taht

[28] A fol. 124 tal-process.
[29] A fol. 125 tal-process.

arrest, huwa wiegeb illi ma kienx qed jaghraf fl-awla liz-zewg persuni li huwa kien ra fil-garaxx.

Ix-xhud rega' gie riprodott mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1991. Huwa qal illi kien minnu li kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija[30]. Skond il-verbal tal-istess seduta[31], peress illi l-istess xhud kien reticenti ghad-domandi maghmula lilu mill-Qorti, l-istess Qorti ordnat l-arrest tieghu ai termini tal-Artikolu 522 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ix-xhud imbaghad gie riprodott fis-seduta tal-11 ta' Novembru 1991.[32] Borg qal illi huwa kien qal xi affarijiet fl-istqarrija tieghu lill-pulizija li kienu differenti minn dak li kien xehed stante illi minn dak iz-zmien ma jiftakarx. Qal illi l-istqarrija li kien ghamel lill-pulizija kienet giet iffirmata minnu u kien ghamilha minn jeddu. Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk il-persuna li kien ra fir-ritratt li gie muri mill-pulizija kinitx prezenti fl-awla, huwa qal li m'hijiex prezenti, li fuq dan kien zgur u li ma kienx qed jghid hekk ghax kien imbezza'. Qal ukoll illi meta l-Ispettur urieh ir-ritratt, huwa m'gharafx lill-persuna fir-ritratt u rega' qal illi l-persuna fir-ritratt ma kinitx prezenti fl-awla. Wara qal illi l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija kienet tikkontjeni l-verita` u kien minnu li dakinhar huwa kien gharaf lil din il-persuna, izda ma kienx qieghed jaghrafha fl-awla.

Ir-ritratt in kwistjoni jinsab esebit a fol. 159 tal-process u skond ix-xhieda tal-Ispettur Emanuel Cassar[33], dan huwa r-ritratt tal-imputat Emanuel Pace li huwa kien wera lix-xhud John Borg dakinhar stess li Borg kien irrilaxxja l-istqarrija tieghu, fl-ufficju tieghu. Fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Dicembru 1991[34], ix-xhud John Borg qal illi ma jiftakarx li kien qatt gie muri dan ir-ritratt, muri r-ritratt huwa qal illi ma jafx min hija l-persuna fuq l-istess ritratt, ftakar illi l-pulizija kienu wrewh ritratt, izda ma ftakarx jekk dan ir-ritratt kienx bil-kulur jew le.

[30] A fol. 149 tal-process.
[31] A fol. 148 tal-process.
[32] A fol. 154 *et seq* tal-process.
[33] A fol. 161 tal-process.
[34] A fol. 162 *et seq* tal-process.

Fis-seduta tas-7 ta' Awwissu 1991, xehed **Carmelo Debono**[35] u saritlu referenza ghax-xhieda tieghu fil-proceduri kontra John Mamo tas-27 ta' April 1990. F'din ix-xhieda, huwa kien qal illi huwa ghandu hanut 'Cairo Bar' gewwa Ghajn Dwieli u li lil Mamo kien jafu ghaliex kuljum ikun fil-bar tieghu. Kien hemm okkazzjoni fejn mar wiehed – certu Pawlu – fil-hanut tieghu u mar ikellem lil Mamo. Qabel dan Pawlu kien jahdem fil-poliklinika ta' Bormla, izda ma kienx jaf fejn qed jahdem fil-prezent. Mamo u Pawlu tkellmu bejniethom u hu ma sema' xejn. Darba minnhom, Pawlu kien mar id-dar ghandu u staqsieh riedx jixtri xi gugarelli u kien uriehomlu fil-vann tieghu. Huwa kkonferma li dawn il-gugarelli kienu bhal dawk li kien qed jigi muri mill-Qorti. Huwa ma kienx interessat fix-xiri taghhom. Fil-vann kien hemm ukoll xi djar li jintramaw bhal dawk li jidhru fir-riklami fuq it-television u l-Qorti ssuggerietlu li dawn huma ta' Barbie. Waqt li x-xhud kien qed jitkellem ma' Pawlu, dahal Mamo, semaghhom jitkellmu u Mamo qallu li kien ser jixtrihom hu. Xi jumejn wara mar Mamo u qallu sabiex jurih fejn joqghod Pawlu. Ix-xhud kien jaf fejn joqghod Pawlu ghaliex ghandu garaxx faccata tieghu. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Debono qal illi "*lil dak Pawlu li semmejt fix-xhieda tieghi ma jidhirlix li qed naghrah f'din l-Awla*" u li dan Pawlu forsi kien mar xi darbtejn fil-hanut tieghu. Pero` kien Pawlu stess li kien qallu li kien jahdem fil-poliklinika ta' Bormla u kien joqghod hdejh, il-Fgura. Lilu ossia lix-xhud kienu jghidulu t-Tobby. Ix-xhud eskluda li kien mar ma' Mamo biex jurih fejn kien joqghod Pawlu jew li kien indikalu l-bieb ta' Pawlu u ma dherlux li kien qal dan lill-Pulizija. Qal ukoll illi ma kienx jaf fejn kien il-bieb tad-dar ta' Pawlu. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li l-gugarelli murija lilu esebiti fil-process, kienu jixbhu l-gugarelli li kien urieh Pawlu.

L-imputat **Paul Sammut** xehed fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 1992[36] u qal illi fir-rigward ta' dan il-kaz, huwa kien irrilaxxja stqarrija ghaliex ma kellu xejn x'jahbi. Ikkonferma li l-Ispettur Cassar kien ghamel tfittxija fid-dar tieghu, izda ma rrizulta xejn. Huwa qal illi ma kienx iffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu ghaliex kien inghata dan il-parir minn avukat fir-rigward ta' kaz precedenti li huwa kellu. Qal illi l-poliklinika ta' Bormla tinsab f'post iffrekwentat minn

[35] A fol. 104 *et seq* tal-process.
[36] A fol. 184 *et seq* tal-process.

hafna nies fil-pjazza ta' Bormla. Huwa qal illi fid-dar tieghu ma kienx idahhal nies u li kien cert li fid-dar tieghu qatt ma dahal xi hadd biex jara xi gugarelli. Qal li kien joqghod il-Fgura u li hemmhekk kellu biss zewgt ikmamar. Qal ukoll illi fiz-zmien tal-kaz odjern, l-ghamara tas-salott lanqas kienet gewwa d-dar tieghu fil-Fgura, izda s-salott kien jinsab ghand wiehed jghidulu l-Hassu, gewwa Bulebel, sabiex l-istess salott jinkesa bir-rexine. Fl-istess zmien, ghalkemm kellu television fid-dar, dan lanqas ma kien fis-salott u dan ghaliex il-mara tieghu kienet korriet u ghalhekk it-television kien fil-kamra tas-sodda. Il-mara tieghu kienet damet fis-sodda xi erba' xhur. Id-dar fejn kien joqghod hu kien hadha mill-Awtorita` tal-Djar u l-istess Awtorita` kienet isseparat il-post fejn kien joqghod hu mill-garaxx biswit l-istess dar u dan billi gie blukkat bieb. Kien hemm zmien meta fl-istess dar kien joqghod certu Pawlu, li baqa' jghix fil-garaxx wara li dan gie blukkat. Xi kultant huwa kien jarah jaghmel xi xoghol hemmhekk. Dan kellu Marina orangjo u x'aktarx li kien kunjomu Montebello. Dan joqghod gewwa Zabbar Road, vicin l-ghassa tal-Pulizija. Skond Sammut, dan Pawlu kien ikun ta' spiss vicin il-poliklinika ta' Bormla. Dan Pawlu li kien joqghod fil-garaxx biswit id-dar tal-istess imputat, xi kultant kien idahhal il-Marina gewwa l-istess garaxx. Huwa qal illi dan Montebello kellu hanut tal-hwejjeg u tal-gugarelli li kien jitmexxa mill-mara tieghu u kien jinsab ukoll il-Fgura. Qal illi huwa kien isuq *mini van* madwar tlettax-il sena qabel meta kien jahdem bhala xufier ma' Dophin Tours. Qal illi fil-perjodu in kwistjoni, huwa qatt ma saq xi vann jew *mini bus.* Qal ukoll illi fiz-zmien li kien jahdem fil-poliklinika ta' Bormla, kien hemm certu Pawlu, kunjomu Scerri jew Xuereb, li kien *nurse* bhalu. Fil-waqt li lill-imputat kienu jsejjhulu Paul, lil Scerri jew Xuereb kienu jsejjhulu Pawlu. Qal illi huwa m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern. Lil Borg u lil Mamo qatt ma kien jafhom qabel u lanqas ma kien jaf lill-ko-imputat. Qal li dak iz-zmien kien juza Marina hamra. Qal ukoll illi huwa kien jaf il-hanut tat-Toby ghaliex kien imur jixtri s-sigaretti meta kien ikun xoghol ta' bil-lejl jew xoghol tard. Qal illi lit-Toby qatt ma offrielu gugarelli ghall-bejgh.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi jista' jkun li t-Toby kien dahhlu f'dan il-kaz minhabba xi ittri anonimi. Wara qal illi qabel l-elezzjoni kienu graw xi affarijiet fil-poliklinika ta' Bormla li fihom x'aktarx kien hemm involuti xi nies li jigu mit-Toby u li halfu li jpattuhielu. Ma setax jaghti spjegazzjoni dwar dak li kien qal

Mamo fir-rigward tas-salott u qal li huwa qatt ma ltaqa' mal-kwalita` ta' nies bhal Mamo. Lanqas ma kien jaf lill-ko-imputat, Pace. Qal illi Montebello ta' sikwit kien imur fil-poliklinika ta' Bormla billi jitla' fuq, fejn kien ikun qed jahdem hu. Qal illi kull ma qalu Debono, Mamo u Borg ma huwa veru xejn fil-konfront tieghu. Qal illi huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma' gugarelli bhal dawk in ezami. Pawlu Scerri li semma' fix-xhieda tieghu huwa qawwi u ma tantx jixbhu. Ix-xhud esebixxa estratt mir-Registru Elettorali datat April 1986, mil-liema jirrizulta illi fil-fond 40, Triq Cospicua, Fgura kienu registrati Angela u Paul Montebello (ID 635552(M)) u qal illi huwa ma kienx jabita f'dan il-fond fis-sena 1986.

Xehed ukoll **PC 541 Patrick Falzon**[37] li qal illi fid-19 ta' Gunju 1991, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni G 7080 tal-marka Morris Marina ta' kulur ahmar, kienet registrata fuq certu Paul Montebello residenti gewwa 2, Hompesh Road, Fgura u li kienet ghadha hekk registrata sal-11 ta' Jannar 1993. Qabel din id-data, kienet registrata fuq certu Francis Compagno, residenti l-Isla. Xehed ukoll l-istess **Francis Compagno**[38] li kkonferma illi huwa kellu karozza tal-marka Marina, minghalih ta' kulur ahmar, bin-numru G 7080 li kienet giet mibjugha minnu lil *dealer* fis-sena 1987. L-istess *dealer* kien biegh din il-vettura lil haddiehor, izda t-transfer dam ma sar ghaliex ix-xerrej kien ghadu ma hallsux. Qal illi d-*dealer* kien qallu li x-xerrej kien joqghod gewwa Cospicua Road, Bormla u li hu kien anke mar ikellmu. Dan sehh matul is-sena 1987. Ix-*showroom* tal-istess *dealer* ukoll kienet tinsab f'Cospicua Road. Wara d-*dealer* kien qallu li t-*transfer* kienet saret. Ix-xhud qal illi kunjom ix-xerrej kien Montebello u jista' jkun li kien jismu Pawlu. **Walter Pace**[39] xehed illi huwa tapizzar u li kien hemm zmien meta huwa kien ghamel xi xoghol lill-imputat Sammut fir-rigward ta' sufan. Huwa kkonferma li d-dokument a fol. 195 tal-process kien gie rilaxxjat minnu u illi bejn Gunju u Dicembru 1989, huwa ghamel xi xoghol fuq is-sufan in kwistjoni u li ghalhekk dan kien qieghed ghandu.

[37] A fol. 200 tal-process.
[38] A fol. 214 *et seq* tal-process.
[39] A fol. 207 *et seq* tal-process.

Xehed ukoll **John Farrugia** in difesa tal-imputat Sammut.[40] Huwa qal illi lil John Mamo kien jafu, gieli kien jaghmilha mieghu xi hames jew sitt snin qabel, u gieli kienu jmorru f'dar fejn imbaghad mar joqghod Paul Sammut, li pero` ma kienx qed jarah fl-awla. Din id-dar li fiha kien imur ma' Mamo kienet fin-nizla ta' Bormla u fiha kienu jiltaqghu ma' certu wiehed Paul Montebello li kellu Marina hamra. Qal illi ma ra lil hadd fl-awla li kien ikun flimkien ma' Mamo. Ghand Mamo gieli ra xi gugarelli u li dawn kien ibieghhom. Qal li huwa qatt ma ra lill-imputat Sammut ma' Mamo u li quddiem id-dar ta' Montebello kien hemm garaxx ta' wiehed jghidulu t-Tobby li ghandu hanut tax-xorb. Huwa ddeskriva d-dar ta' Montebello u qal illi darba Montebello kellu xi jghid ma' Mamo dwar xi flus u li meta marru jhabbtu fil-bieb ta' Montebello, kienu hargu mara u tifel mid-dar u skoprew li ma kienx ghadu joqghod hemm. In kontro-ezami, qal illi l-ahhar darba li marru ghand Montebello kien sabiex Mamo jixtri pupi u *tyres* tal-bahar. Dawn l-affarijiet kien jarahom f'dik id-dar. Huwa qatt ma ra lil Mamo ibiegh il-gugarelli, izda rah biss jixtri.

Fis-seduta tal-24 ta' April 1995 xehed l-imputat **Emanuel Pace**[41] li kkonferma li kienet saret tfittxija fir-residenza tieghu fejn kien joqghod dak iz-zmien u cioe` Hal Tarxien, fejn fost ohrajn, kien hemm xi gugarelli tat-tifla li kienu merfughin. Dak iz-zmien kellu tifla biss. Il-pulizija kienu sabu xi gugarelli tat-tifla u hadu pupa li kienet xtratielha l-mara tieghu u li huwa wkoll kien prezenti meta l-mara xtrat din il-pupa. Din kienet inxtrat minn Marks, fil-Hamrun u t-tifla kienet ilha titolbu pupa bhal din ghal hafna snin. Il-pulizija kienu hadu wkoll bott zghir, qisu tal-gazaza b'ziemel fih, *horn* tar-roti u pupa qisha Indjana. Fir-rigward tal-oggetti ohrajn, uhud minnhom ingiebu minn ohtu mill-Ingilterra u l-ohrajn xtrathom martu. L-ebda wiehed minn dawn l-oggetti ma gie misruq minnu jew kienu provenjenti minn xi serq. In kontro-ezami, mistoqsi x'inhu l-laqam tieghu, l-imputat wiegeb illi jghidulu hafna affarijiet, fosthom il-Panter. Lil Lawrence Theuma, il-Mustang, kien jafu *by sight* u lil Mamo kien jafu minn wiccu biss, izda qatt ma kien involut fil-bejgh ta' gugarelli lil Mamo. Qal illi qatt ma mar fil-garaxx ta' Mamo f'Hal Qormi u lanqas ghand Theuma. Ma kienx jaf liema kienu dawk l-oggetti li gabet ohtu mill-Ingilterra.

[40] A fol. 229 *et seq* tal-process.
[41] A fol. 239 *et seq* tal-process.

Xehdet ukoll **Ruth Pace**, mart l-imputat Emanuel Pace[42], li qalet illi dak iz-zmien kellhom tifla wahda biss. Hija kienet prezenti meta l-pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza u kienu hadu pupa bl-*iskates*, *bottle* b'ziemel zghir, *horn* ta' Barbie u pupa zghira, jidhrilha Cindy. Il-pupa Cindy u l-*bottle* kienu nxtraw minnha minn hanut fil-Hamrun, Matthews, fil-waqt illi l-pupa bl-*iskates* kienet xtratha minghand Marks, il-Hamrun. Il-*horn* kien ingab minn oht ir-ragel, mill-Ingilterra bhala rigal. Qalet illi lill-pulizija kienet spjegatilhom minn fejn kienu gew il-gugarelli, izda in kontro-ezami qalet illi ma kinitx tiftakar jekk lill-pulizija kinitx qaltilhom illi l-Barbie *horn* kien ingab mill-Ingilterra.

Mill-atti tal-proceduri li ttiehdu fil-konfront ta' John Mamo (esebiti a fol. 75 tal-process), jirrizulta mix-xhieda tal-**Ispettur Domenic Attard**[43] illi s-serqa mill-garage gewwa 6, Middleman Street, Marsa kienet saret bejn l-1 ta' Awwissu u l-4 ta' Awwissu 1989. Fix-xhieda tieghu, **Raymond Borg**[44] qal illi kien xtara xi affarijiet ossia gugarelli minghand John Mamo, kif ghadda s-Sajf tas-sena 1989. Ix-xhud **George Magri**[45] xehed illi huwa kien xtara xi gugarelli minghand Mamo ghall-habta tal-Milied tas-sena 1989. Ix-xhud **Carmelo Debono** li wkoll xehed fil-proceduri odjerni tant li fil-fatt saritlu referenza ghal din ix-xhieda, xehed fil-proceduri kontra Mamo fis-27 ta' April 1990.[46] Xehed ukoll f'dawk il-proceduri, **Paul Mintoff**[47] li qal illi John Mamo kien bieghlu xi gugarelli u li dwar dawn, huwa kien irilaxxalu ricevuta li kienet datata 5 ta' Novembru 1989, liema ricevuta giet esebita minnu *animo ritirandi.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

---

[42] A fol. 242 *et seq* tal-process.
[43] A fol. 36 tal-process esebit a fol. 75.
[44] A fol. 42 tal-process esebit a fol. 75.
[45] A fol. 46 *et seq* tal-process esebit a fol. 75.
[46] A fol. 49 *et seq* tal-process esebit a fol. 75.
[47] A fol. 53 *et seq* tal-process esebit a fol. 75.

Illi fl-ewwel lok, l-imputati Sammut u Pace jinsabu akkuzati b'serq ta' gugarelli, aggravat bil-valur u bil-mezz, liema serq sehh bejn l-1 ta' Awwissu 1989 u l-4 ta' Awwissu 1989. Mill-provi prodotti fil-kawza, madankollu, ma tirrizulta assolutament l-ebda prova li l-imputati kkommettew dan is-serq.

Fit-tieni lok, l-imputati jinsabu akkuzati wkoll bir-reat ta' ricettazzjoni ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9. Issa fir-rigward tal-imputat Paul Sammut, il-Qorti tqis illi l-provi mressqa fil-konfront tieghu, ma jwassluhiex sabiex issibu hati taht dan l-artikolu tal-ligi, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti tqis illi ghalkemm John Mamo kien reticenti f'certi stadji fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, tant illi gie dikjarat xhud ostili mill-Prosekuzzjoni u gie kkonfrontat bl-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija, biss il-verzjoni tieghu f'hafna aspetti baqghet wahda konsistenti u giet anke korroborata f'certi partijiet minn xhieda ohrajn f'dawn il-proceduri. Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.*" Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi fil-maggor parti taghha, ix-xhieda ta' Mamo hija fil-fatt konformi mal-verzjoni originali li huwa kien ta lill-pulizija meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi Carmelo Debono ikkorrobora x-xhieda ta' Mamo, fis-sens illi dan kien xtara xi gugarelli minghand Pawlu u li kienu tkellmu gewwa l-bar tieghu, fil-waqt illi John Borg, ghalkemm reticenti ferm fix-xhieda tieghu, ikkonferma wkoll dak li jghid Mamo, fis-sens illi zewg persuni kienu marru fil-garaxx ta' Mamo u Mamo kien hallas is-somma ta' Lm200 lil wiehed minn dawn iz-zewg persuna ossia lil dak li huwa ddeskriva

bhala b'xaghru goffa. Biss la John Mamo u lanqas Carmelo Debono ma gharfu b'certezza lill-imputat bhala l-istess Pawlu li semmew fix-xhieda taghhom. Mamo jghid li *"ma nafx jekk naghrafx lil dan Pawlu li semmejt"*, li *"m'hinix cert jekk hux dan Pawlu li semmejt fix-xhieda tieghi"*, li *"m'hiniex cert li l-imputat Paul Sammut hux dak Pawlu li indikajt fix-xhieda tieghi"* u fl-ahhar jghid sempliciment illi jixbhu. Anke Carmelo Debono jghid illi *"lil dak Pawlu li semmejt fix-xhieda tieghi ma jidhirlix li qed naghrah f'din l-Awla"*. L-unici indizji fil-fatt li jirrizultaw mill-provi u li jistghu jqanqlu suspett fl-imputat Sammut huma tlieta ossia illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jahdem fil-poliklinika ta' Bormla, kif jghid ix-xhud Debono, li kien isuq Marina hamra – ghalkemm imbaghad f'dan ir-rigward John Mamo jghid li ma kienx cert jekk din il-vettura kinitx hamra jew orangjo u illi fiz-zmien in kwistjoni kien joqghod il-Fgura, ghalkemm anke dwar dan il-punt, minkejja li jirrizulta illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat Sammut kien joqghod fit-Triq Cospicua, Fgura (u dan jirrizulta anke mix-xhieda tat-Tabib Dr. George Buttigieg ossia t-tabib kuranti ta' mart l-istess imputat fiz-zmien in kwistjoni), biss lanqas ma jirrizulta b'mod car u konklussiv illi x-xhud Mamo kien qed jirreferi proprju ghal din ir-residenza meta jirreferi ghad-dar ta' Pawlu li minghandu xtara l-gugarelli mertu tal-kaz. L-imputat Sammut imbaghad kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll matul il-proceduri innega li huwa qatt kellu x'jaqsam ma' dan il-kaz jew li huwa kien jaf lill-ko-imputat Pace jew lil Mamo. Hemm ukoll id-dubju mqajjem mill-imputat permezz tax-xhud Walter Pace li kkonferma illi fiz-zmien in kwistjoni, is-sufan tal-imputat kien jinsab fil-pussess tieghu ghaliex kien qed jaghmel xi xogholijiet fuqu u ghalhekk ma setax kien il-kaz li x-xhud John Mamo ra sufan fir-residenza tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat Paul Sammut huwa hati tar-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kap. 9. Dan apparti illi kif ser jinghad izjed 'il quddiem, jezistu cirkostanzi ohrajn li fil-fehma tal-Qorti wkoll u indipendentement minn dan kollu, jwassluha sabiex tikkonkludi li z-zewg imputati m'ghandhomx jinstabu hatja ta' dan ir-reat.

Fir-rigward tal-imputat Pace, salv ghal dak li ser jinghad izjed 'l isfel, il-Qorti ssib li hemm indizji ferm izjed serji li jippuntaw biss lejn direzzjoni wahda ossia li l-imputat fil-fatt ikkommetta atti ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9. Fl-ewwel

lok, *ex admissis* fix-xhieda tieghu, l-imputat Pace jghid li fost affarijiet ohrajn, jsibuh bil-laqam ta' Panther ossia ghalhekk wiehed mil-laqmijiet indikati mix-xhud John Mamo. Fit-tieni lok, ghalkemm kemm ix-xhud Mamo, kif ukoll ix-xhud Borg, fix-xhieda taghhom jinsistu li ma kinux qeghdin jaghrfu lill-imputat Pace bhala l-Panther (skond Mamo) jew bhala l-persuna li lilha Mamo kien hallas is-somma ta' Lm200 (skond Borg), biss f'dan ir-rigward il-Qorti temmen li dawn iz-zewg xhieda ma kinux veritiera f'din il-parti tax-xhieda taghhom. Ir-reticenza ta' Mamo fir-rigward tal-imputat Pace hija ferm evidenti mill-bidu nett tax-xhieda tieghu, meta fl-ewwel okkazzjoni li fiha huwa xehed, ghall-ewwel, anke jonqos milli jsemmi l-involviment ta' terzi persuni ossia tal-Panther u tal-Mustang f'din il-kwistjoni kollha, flimkien ma' Pawlu, izda jipprova jaghti l-impressjoni li n-negozju sar biss ma' Pawlu u li sahansitra hallas lil Pawlu biss tal-gugarelli li kien xtara – verzjoni din li certament ma tregix meta wiehed iqis l-istqarrija rilaxxjata minnu. Dwar ix-xhieda ta' Borg, imbaghad, m'hemmx ghalfejn jinghad illi r-reticenza tieghu tant kienet evidenti illi l-Qorti ordnat l-arrest tieghu f'zewg okkazzjonijiet waqt li dan kien qieghed jaghti x-xhieda tieghu u dan proprju ghaliex il-Qorti, kif diversament preseduta, innutat u vverbalizzat illi ma kinitx konvinta mill-veracita` ta' din ix-xhieda. Fil-fatt ghalkemm Borg insista kemm il-darba illi ma kienx qed jaghraf liz-zewg persuni li marru fil-garaxx ta' Mamo gewwa l-awla, biss xehed ukoll illi l-istqarrija jew id-dikjarazzjoni li huwa kien irrilaxxja lill-pulizija kienet tikkontjeni l-verita` u kien minnu wkoll li dakinhar li rrilaxxja din id-dikjarazzjoni, huwa kien gharaf lil din il-persuna fir-ritratt li gie muri lilu mill-pulizija bhala l-persuna li huwa rrefera ghaliha fix-xhieda tieghu ossia dak li kellu xaghru goff u li skond hu, kien ha s-somma ta' Lm200 minghand Mamo. Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Cassar jghid li dan ir-ritratt li kien gie muri lix-xhud Borg, kien juri lill-persuna tal-imputat Pace. Fit-tielet lok, imbaghad, instabu wkoll gugarelli fir-residenza tal-imputat Pace li kienu identici ghal dawk li gew misruqa mill-garaxx ta' Robert Abela, kif jikkonferma l-istess Abela fix-xhieda tieghu. Fil-fatt ghalkemm fir-rigward ta' tnejn minn dawn il-gugarelli (Dok. EC6 u EC7), Abela jghid illi l-kumpanija tieghu ma kinitx l-unika agenzija li kienet timporta dawn il-gugarelli, biss fir-rigward ta' Dok. EC4 ossia l-*isqueeze horn* tad-ditta Mattel, huwa qal li dawn il-gugarelli kienu gew impurtati biss mill-kumpanija tieghu u li dawn lanqas kienu ghadhom hargu fuq is-suq lokali, apparti li din kienet l-unika darba li mportaw dawn it-tip ta' prodotti. Veru wkoll illi Abela xehed illi huwa

seta' jghid illi ma kienx hemm ditti ohrajn li kienu jgibu dawn il-prodotti ta' Mattel sa fejn jaf hu biss (ghalkemm qal ukoll illi ma kienx jaf b'kazijiet f'Malta fejn ditti ohrajn kienu mportaw dawn il-prodotti apparti d-ditta tieghu), izda fil-fehma tal-Qorti hija wisq koincidenza illi l-imputat Pace kellu fir-residenza tieghu, fl-istess zmien, mhux biss zewg gugarelli (Dok. EC6 u Dok. EC7) li ma kienx jimpurtahom biss Abela, izda anke gugarell tad-ditta Mattel u li dawn il-gugarelli kienu kollha identici ghal dawk li kienu gew misruqa mill-istess mahzen. Veru wkoll illi l-imputat u martu xehdu illi l-gugarelli li nstabu fid-dar taghhom kienu nxtraw minn hwienet fil-Hamrun, apparti illi mart l-imputat tghid illi oht l-imputat kienet gabet il-gugarell tal-Mattell mill-Ingilterra. Madankollu fit-tieni stqarrija tieghu, meta mistoqsi ghaliex kien qal li qatt ma kien ra bhal dawk il-gugarelli, meta gie muri dawn fl-ufficju tal-Ufficjal Investigatur, l-imputat qal li ma kienx jaf x'kienet tixtri l-mara tieghu u li l-mara kienet qaltlu li l-gugarelli li nstabu fid-dar tieghu kienet xtrathom minn hanut fil-Hamrun xi sena qabel. Fix-xhieda tieghu madankollu fir-rigward ta' pupa partikolari jiftakar addirittura illi huwa kien prezenti meta nxtrat din il-pupa lil bintu u li bintu tghidx kemm kienet ilha titolbu biex jixtrilha din il-pupa. Fil-fehma tal-Qorti huwa konvenjenti wkoll illi snin wara l-imputat u martu jghidu proprju li l-gugarell tad-ditta Mattel – li dak iz-zmien, kien impurtat f'Malta biss f'okkazzjoni wahda mid-ditta Tradeways - ingieb minn oht l-imputat mill-Ingilterra, meta la l-imputat fl-istqarrija tieghu u mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Pulizija li ghamel it-tfittxija, lanqas il-mara tieghu waqt l-istess tfittxija, ma spjegaw dan il-fatt *a tempo vergine.*

Biss minkejja dawn l-indizji fir-rigward tal-imputat Pace, minn harsa lejn ic-*charge sheet* odjerna jirrizulta illi fil-waqt illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghad-dati ta' bejn l-1 ta' Awwissu 1989 u l-4 ta' Awwissu 1989, it-tieni imputazzjoni tirreferi biss ghal "*matul dawn l-ahhar xhur*", minghajr indikazzjoni preciza ghal xi zmien partikolari jew ghal liema huma dawn ix-xhur. Din ic-citazzjoni, madankollu, iggib id-data tal-4 ta' Mejju 1991 u ghalhekk jekk il-Qorti tiehu din id-data (anke ghaliex m'hemm l-ebda data ohra li wiehed jista' jimxi maghha mill-istess *charge sheet*) bhala d-data li minnha wiehed ghandu jqis "*dawn l-ahhar xhur*", b'dan ghalhekk illi jitqies illi din l-imputazzjoni qeghda tirreferi ghal dawn l-ahhar xhur ta' qabel l-4 ta' Mejju

1991, l-izjed li wiehed jista’ jmur lura huwa sal-4 ta’ Mejju 1990. Fil-fehma tal-Qorti, xhur ghandhom jitqiesu proprju bhala xhur u mhux izjed minn hekk u certament ghalhekk wiehed ma jistax imur izjed lura minn din id-data ghaliex altrimenti, ic-*charge sheet* kellha taqra ‘snin’ u mhux ‘xhur’. Kif inghad izjed il’fuq jirrizulta illi s-serqa in kwistjoni sehhet bejn l-1 ta’ Awwissu 1989 u l-4 ta’ Awwissu 1989. Jirrizulta wkoll illi John Mamo innegozja dwar dawn il-gugarelli ma’ Pawlu ghall-habta ta’ Settembru 1989, li l-ghada li kien ha l-konsenja tal-gugarelli hdejn il-Maxims ta’ Rahal Gdid, kien mar ifittxu l-Panther hdejn il-gabbana ta’ hu Mamo, f’liema jum huwa hallas Lm600 u li xi gimgha wara, l-Mustang u l-Panther marru fil-garaxx tieghu sabiex ihallashom il-bilanc ta’ Lm200. Mix-xhieda tal-persuni li xtraw minn dawn il-gugarelli minghand Mamo, jirrizulta wkoll illi huwa bieghilhom dawn l-istess gugarelli, kif ghadda s-Sajf tas-sena 1989 (lil Raymond Borg), ghall-habta tal-Milied tas-sena 1989 (lil George Magri) u fil-5 ta’ Novembru 1989 (lil Paul Mintoff). Ghalhekk zgur illi l-izjed l-izjed sa Dicembru tas-sena 1989, it-transazzjoni bejn Pawlu u Mamo u l-involviment ta’ l-imputat Pace kienu ntemmu. Lanqas ma tista’ l-Qorti tasal ghaz-zmien li fih Pace kien laqa’ ghandu l-oggetti misruqa, ghajr illi dan certament sehh f’xi zmien qabel is-7 ta’ Marzu 1990. Zgur ghalhekk illi ma jirrizultax illi l-atti imputabbli liz-zewg imputati Sammut u Pace gew imwettqa matul l-ahhar xhur ta’ qabel l-4 ta’ Mejju 1991 jew bejn l-4 ta’ Mejju 1990 u l-4 ta’ Mejju 1991.

Ghaldaqstant, apparti illi in ogni caso u kif inghad, din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi l-imputat Sammut kkommetta l-atti addebitati lilu taht l-Artikolu 334 tal-Kap. 9, anke fil-konfront tal-imputat Pace, il-Qorti ma tqisx illi t-tieni imputazzjoni <u>kif dedotta kontra tieghu u kontra l-imputat Sammut</u>, tirrizulta pruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tal-imputat Pace u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, la darba l-Qorti m’hijiex qed issib reita` fl-imputat, isegwi li lanqas ma tista’ ssibu hati ta’ dan l-addebitu. L-istess qieghed jinghad fir-rigward taz-zewg imputati in konnessjoni mal-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(1)(2), 279(b), 334 u 533 tal-Kodici Kriminali u fir-rigward tal-imputat Pace biss, anke l-Artikoli 49 u 50 tal-istess Kodici, qed issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u qeghda tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------